**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Talba Nru: 203/2023MD**

**Mario Falzon (ID 485661M)**

**Noel Pace (ID 313775M)**

**Vs**

**Sovereign Hotel Ltd (C-10538)**

**Rylex Holdings Limited**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-9 ta' Ġunju, 2023[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati sabiex iħallsu is-somma ta' elfejn, seba' mija u għoxrin Ewro (€2,720) rappreżentanti servizzi reżi li jinkludu l-ispezzjonar ta' installazzjonijiet elettriċi u sorveljanza, ċertifikazzjoni, u twettiq ta' xogħolijiet riparatorji fuq l-istess ġewwa lukanda bl-isem "The Windsor Hotel" ġewwa Sliema mill-konvenuti fuq inkarigu tas-soċjetajiet konvenuti; bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm s-soċjetajiet konvenuti ġew debitament notifikati bl-Avviż, ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u filwaqt li s-soċjeta' konvenuta

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.

Sovereign Hotels Limited lanqas ma dehret għas-seduti tad-19 ta' Ottubru, 2023[2], tal-14 ta' Diċembru, 2023[3], tat-18 ta' Jannar, 2024[4], tal-14 ta' Marzu, 2024[5], tat-18 ta' Ġunju, 2024[6], tal-4 ta' Lulju, 2024[7], u tad-9 ta' Lulju, 2024[8], is-soċjeta' konvenuta Rylex Holdings Limited lanqas ma dehret għas-seduti tal-14 ta' Marzu, 2024[9], tat-18 ta' Ġunju, 2024[10], tal-4 ta' Lulju, 2024[11], u tad-9 ta' Lulju, 2024[12].

Ra l-Kapitolu[13] li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-atturi fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2024 u fil-fatt is-soċjetajiet konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu għalih għas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2024.[14]

Ra x-xhieda ta' Mario Falzon[15] li kkonferma li l-ammont ta' elfejn, tlett mija u sittin Ewro (€2,360) għadu dovut lilu mis-soċjetajiet konvenuti, kif jirriżulta mill-fattura ppreżentata tal-fattura mar-rikors promotur[16], ma sar l-ebda ħlas mis-soċjetajiet konvenuti u l-ammont ilu dovut mit-2 ta' Lulju, 2021.

Ra x-xhieda ta' Noel Pace[17] li kkonferma li l-ammont ta' tlett mija u sittin Ewro (€360) rappreżentanti inkarigu mogħti lilu mis-soċjetajiet konvenuti, għadu dovut lilu mill-istess soċjetajiet konvenuti, u ppreżenta żewġ dokumenti mmarkati bħala Dok NP1 u Dok NP2[18]. Spjega li ħareġ l-irċevuta fuq Sovereign Hotels Limites biss fuq struzzjonijiet tad-Direttur tas-soċjetajiet konvenuti.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Mario Falzon, Noel Pace u l-fatturi ppreżentati minnhom li jindika l-bilanċ dovut għas-servizzi mwettqa mill-atturi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti iħallsu is-somma ta' elfejn, seba' mija u għoxrin

[2] *A fol* 8 tal-proċess.
[3] *A fol* 15 tal-proċess.
[4] A *fol* 16 tal-proċess.
[5] A *fol* 19 tal-proċess
[6] A *fol* 20 tal-proċess
[7] A *fol* 22 tal-proċess
[8] A *fol* 23 tal-proċess
[9] A *fol* 19 tal-proċess
[10] A *fol* 20 tal-proċess
[11] A *fol* 22 tal-proċess
[12] A *fol* 23 tal-proċess
[13] A *fol* 21 tal-proċess
[14] *A fol* 22 tal-proċess
[15] *Ibid*, xhieda datata 4 ta' Lulju, 2024
[16] *A fol* 4 tal-proċess
[17] *A fol* 23 tal-proċess, xhieda datata 9 ta' Lulju, 2024
[18] *A fol* 24 u 25 tal-proċess

Ewro (€2,720) lill-atturi, bl-imgħax dekorribbli mit-2 ta' Lulju, 2021[19] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mis-soċjetajiet konvenuti *in solidum*.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[19] Data skont l-aħħar fattura maħruġa, *a fol* 4 tal-proċess